MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 304/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Yvonne Farrugia)**
**Vs**
**Priscilla Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellata Priscilla Cassar detentriċi tal-karta tal-identita` numru 60982 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fit-18 ta' Jannar 2007 u/jew f'xi data qabel, wara intervent u tfittxija li saru mill-ufficjali tad-Dwana ġewwa l-Hamrun, xjentement kellha fil-pussess tagħha u/jew taħt il-kontroll tagħha

A) (96) flixkun tal-5 litri Castellana La Dame Bianco
B) (95) flixkun tal-5 litri Castellana La Dame rosso
C) (30) kaxxa b'6 flixken J&B Whiskey 7 litri

Talli ukoll fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, naqset li tiddikjara u/jew tħallas id-dazju u/jew il-VAT dovuta fuq l-imsemmija xorb alkoħoliku lid-Dipartiment tad-Dwana.

Ix-xorb alkoħoliku in kwistjoni, li ġie maqbud bin-Nota ta' Qbdi numru 16/2007 għandu Valur, Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif jidher hawn taħt rispettivament

| **Valur** | **Dazju tas-Sisa** | **VAT** |
|---|---|---|
| A) Lm115.00c | Xejn | Lm 20.70 |
| B) Lm114.00c | Xejn | Lm 20.52 |
| C) Lm657.00c | Lm504.00 | Lm208.98 |

Mal-oġġetti fuq imsemmija nstabu oġġetti ohra ppakkjati magħhom, jew li kienu wżati biex jaħbuhom, li wkoll ġew maqbuda bl-istess nota ta' qbid 16/2007

(385) AVA Fustone 82 Mis
(672) Dixan Liquido Cenere Attiva 3Lt.
(320) Ace Detersivo Ric. 45M Jg 3.735
(320) ACE Gentile 2 lt.
(448) Dixan Liquido Lav. 3 Lt.
(224) dinamo Lavatrice Liqudio 3Lt.
(1344) Gatorade Aranc/Rossa 500 ml.
(144) Coccolino Blu 4 Lt.
(96) Dash Fustone 54 Mis. X 2 bipack
(672) General Mugetto
(860) Lenor Amm. Frs. D'Aprile 750 ml.
(696) Coppem Nexil Sgrass. Limone 750ml.
(540) Palmolive Bagno thermal 750ml.
(480) Vernel Blu Sensation 4ml.
(480) Chanteclair Sgrassatore 750ml.
(224) Dash Liq. Gresch Alpina 3 lt.
(360) Faboloso Pav. Cas/Mista 1lt.
(800) Dixan Piatti Forza Blu 750 ml
(160) General Ammor. Blu 4lt.
(1536) Fabuloso Amm. Conc. 750+250c/m
(540) Nelson Piatti Classic 1.15 Lt.
(192) sole Piatti 3 Lt.
(576) Lenor
(162) Malizia Ammorb. Soffio Blu 2 Lt.
(288) Fabuloso Amm. 1.5 Lt.
(378) Vernel Mini Ricarica – Sens. 500 ml

(600) Gillette Blu II 5+1
(1) Unotronic Telefono – Mod P030
Selec Line coffee Machine Mod 2603
(9) Miss Stir Electric Iron Art 217
(1) Lexmark Computer Printer Mod-1250S
(60) Fresh & Clean Bimbi
(10) Baby Fresh Pampers
(1) Giosue Microwave Oven Art. 5140
(1200) My Paper Carta Igenica x 24 rolls

Dawn l-oġġetti li huma ndikati hawn fuq għandhom valur totali ta' Lm13441.00c u taxxa fuq il-Valur Miżjud li tammonta ghal Lm2419.38c liema taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata.

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom hija projbita u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta' Lm 27.00,0 Dazju ta' l-importazzjoni Lm15.55,0 Dazju tas-Sisa Lm28.28,0 u ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' Lm 12.75,0.

Dan bi ksur ta' l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana tal-Kap. 37 u l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2012 li biha lliberat lill-appellata minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu ppreżentat fl-14 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-liberatorja mill-parti fl-akkuza koncernanti d-dazju, Sisa u VAT fuq is-sigaretti in vista tal-fatt li dawn ma jirriżultawx li jiffurmaw parti mill-mertu u mill-provi ta' dawn il-proċeduri, filwaqt li tħassarha  u tirrevokaha fil-bqija, billi tiddikjara li l-appellata hija ħatja tal-akkużi miġjuba kontriha fir-rigward

tal-oggetti rimanenti u formanti l-mertu tal-akkuzi kif migjuba f'dan il-każ u tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dan il-każ skont il-Liġijiet ta' Malta bl-inklużjoni tal-konfiski relattivi ai termini tal-Liġijiet applikabbli għal dan il-każ.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi preliminarjament jiġi ċċarat li allavolja s-sentenza magħmula hija indikata li ingħatat fis-17 ta' Mejju 2012 huwa evidenti mil-kontenut tal-proċess kif ukoll mill-verbal indikattiv ta' meta giet deciza din il-kawza, effettivament is-sentenza ingħatat fil-31 ta' Mejju 2012 u kwindi n-nota tal-Kummissarju tal-pulizija saret ukoll entro termine tal-erbat ijiem tax-xogħol skont kif rikjest mill-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali u applikabbli għal dan il-każ.

<u>Illi jingħad ukoll preliminarjament u għal kull buon fini li lejn l-aħħar tal-akkuża kif hawn fuq debitament riprodotta mill-appellant, issir referenza għall-valur ta' Dazju, Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut fir-rigward ta' sigaretti. Effettivament dawn is-sigaretti ma jiffurmawx parti mill-mertu ta' dan il-każ u kwindi jidher ċar li dan il-paragrafu huwa żejjed fid-dawl tal-akkużi kif miġjuba. Effettivament m'hemmx akkuża f'dan is-sens u dan huwa kkonfermat ulterjorment mill-letters to prosecute li gew ippreżentati kemm mir-rapprezentanti tad-Dwana kif ukoll mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a folio 22 sa 25 u folio 53 sa 54 tal-proċess.</u>

Illi in oltre ukoll fuq bażi preliminari jiġi ddikjarat ghal kull buon fini li s-sentenzi ċivili li
saret referenza għalihom fis-sentenza tal-ewwel Qorti ma jiffurmawx il-mertu ta' dan l-appell u dan minħabba l-fatt kif iddikjarat mill-ewwel stess li l-materja ċivili hija distinta minn dik kriminali.

,.

Illi fl-ewwel lok, jekk wieħed jagħmel referenza akkurata lejn il-fatturi li gew ippreżentati mill-prosekuzzjoni stess u li jinstabu a folios 62 sa 65 tal-process jidher li dawn l-oġġetti kollha, inkluż allura l-inbejjed u l-ispirti inxtraw għal skopijiet kummerċjali in vista tal-fatt li f'kull fattura jirrizulta l-VAT number tal-appellata. In oltre minn dawn l-istess fatturi jirriżulta wkoll li l-IVA (il-VAT tal-Italja) ma tħallasx fl-Italja u dan fir-rigward tal-oġġetti kollha hemmhekk indikati mingħajr l-ebda esklużjoni. Dan qed jingħad ukoll b'referenza partikolari għax-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ta' Paul Scicluna bħala rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fejn hu jippuntwalizza mingħajr l-ebda tlaqliq jew kontestazzjoni li l-fatt li fuq kull fattura hemm indikat in-numru tal-VAT tas-Sinjura Priscilla Cassar tindika fiha nnifisha u prima facie li l-iskop ta' dan l-akkwist kien wieħed purament kummerċjali u mhux għall-użu personali. Dan peress illi *"meta persuna tagħti VAT number tagħha lis-supplier tagħha tindika li dawk l-ogetti mixtrija qed tużahom għal skop kummerċjall. U għalhekk ma tħallasx VAT hemm hekk imma tħallas VAT f'Malta. Fuq domanda tal-Qorti ngħid li jekk persuna ssiefer u ġġib hi l-affarijiet minn pajjiż tal-Ewropa, il-VAT hija dovuta lil dak il-pajjż partikolari"* fejn sar l-akkwist.

Illi kwindi u in vista tas-suespost l-appellant isibha ferm difficli li jifhem kif l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha setgħet tillibera lill-appellant tal-fatt illi l-iskop tax-xorb 'kien intiz għall-użu personali u fil-kwota konsentita kwindi eżenti minn dazju u fid-dawl ukoll li dawn l-oggetti kollha skond l-ewwel Qorti kellhom liċenzja valida ta' importazzjoni. Jigi ppuntwalizzat li ma kien hemm l-ebda licenzja ta' importazzjoni dwar ix-xorb tal-inbid jew l-alkohol iżda biss għad-detergenti. Di piu u iktar importanti minn hekk meta wieħed iqis li d-difiża ma gabet l-ebda prova kontradittorja għal dik tal-prosekuzzjoni ukoll fid-dawl ta' dak dispost taħt l-artikolu 77 tal-kapitolu 37 u li l-unika indikazzjoni ta' uzu personali giet riflessa permezz ta' dak li gie ddikjarat mill-appellata stess lill-ufficjali tad-dwana fil-mument qabel l-ispezzjoni tal-kontenut tat-trailer u mill-fatturi li hi tat lill-ufficjali tad-dwana u li ġew esebiti da parti taghhom fil-proċeduri, huwa iktar difficli ghall-

appellant li jifhem il-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta skond dawn l-istess fatturi jidher car li dawk l-akkwisti ma kinux intizi għal skopijiet personali iżda skop kummercjali.

Illi din is-sottomissjoni hawn fuq magħmula hija iktar u iktar sostnuta mil-ligi stess senjatament l-artikolu 61A tal-Kapitolu 37 li jghid is-segwenti:

'Għall-fini ta' xi reat taħt din l-Ordinanza, il-Qorti ma għandhiex tieħu konsiderazzjoni ta' xi dikjarazzjoni bil-fomm jew bil-miktub maħsuba biex tikkoreġi f'xi dettal partikulari dikjarazzjoni li tkun saret qabel lid-Dwana u li ssir meta jkun wasal biex jikxef ir-reat. '

Illi din id-disposizzjoni tikkombaċċja perfettament. mas-sitwazzjoni f'dan il-każ u dan peress li kien propju fil-mument li kien ser jinkixef reat li din id-dikjarazzjoni bil-fomm saret da parti tal-appellata u liema dikjarazzjoni kienet kuntrarja għal dak li l-manifest tal-vapur u anki l-fatturi prima facie u bil-kitba kienu jindikaw. Madankollu id-disposizzjoni tal-artikolu 61A kif hawn fuq ikkwota giet ukoll skartata mill-ewwel Qorti.

In oltre u għal kull buon fini jinghad ukoll li l-fatt li x-xhieda mogħtija minn Paul Scicluna tikkonerna l-evazjoni tal-hlas tal-VAT ma jfissirx li din ma tapplikax fir-rigward tal-ksur tal-Kapitolu 37 u dan peress illi l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 (l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jagħmel referenza għall-ksur taħt l-Ordinanza tad-Dwana ukoll (Kapitolu 37).

In oltre id-Dazju tas-Sisa kien dovut li jitħallas fil-mument tal-importazzjoni kif jipprovdi l-artikolu 4(1) tal-Kap 382 (l-Att dwar Dazju u tas-Sisa) liema dazju ma tħallasx minħabba d-dikjarazzjoni falza da parti tal-appellata. Filfatt li kieku kien iddikjarat li dawn kienu ghall-skop kummercjali kif filfatt kellu jsir, dan id-dazju kien ikun dovut fil-mument li l-oġġetti kkonċernati jaslu fi xtutna.

Għalhekk jingħad illi huwa evidenti li fid-dawl tax-xhieda ta' Paul Scicluna kif ukoll id-disposizzjonijiet legali applikabbli għal dan il-każ fosthom dawk hawn fuq

ikkwotati kif ukoll l-artikolu 80(3) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li l-ewwel Qorti kellha ssib ħtija fil-konfront tal-appellata. Dan iktar u iktar jinghad fid-dawl tal-fatt li l-appellata ilha fil-kummerċ u allura hija ben konxja mill-proceduri adoperati fl-importazzjoni ta' prodotti bħal dawn u l-eżenzjonijiet applikabbli għall-hlas ta' dazju u VAT. Dan il-fatt gie rikonoxxut mill-Qorti stess fil-kunsiderazzjonijiet u fid-decide tagħha.

Illi finalment u fid-dawl ta' dan kollu jinghad ukoll, illi fid-dawl tal-htija tal-appellata din l-Onorabbli Qorti hija obbligata skond il-ligi li apparti l-pieni preskritti, ghandha tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha (inkluz ukoll id-detergenti) u dan ai termini tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 382 ai fini tax-xorb u l-artikolu 60 tal-Kapitolu 37 ai fini tad-detergenti u x-xorb.

Għal kull buon fini jiġi ddikjarat li din il-konfiska testendi wkoll għad-deterġenti in vista tal-fatt li x-xorb in kwistjoni kien ppakkjat magħhom jew li d-deterġenti intuzaw sabiex jaħbu x-xorb in kwistjoni u dan ai termini tal-artikolu 60 tal-Kapitolu 37. Mill-provi dan il-fatt ħareġ ċar ukoll mix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat

Lewwelnett din il-Qorti qed tieħu nota d-data tas-sentenza hija 31 ta' Mejju 2012 u mhux 17 ta' Mejju 2012 kif indikata fis-sentenza dattilografata. Dan għandu jirriżulta mill-verbal tas-seduta.

It-tinei din il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni ta' dik il-parti taċ-ċitazzjoni dwar is-sigaretti minħabba li l-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell eskluda din il-parti (aktar 'il fuq sottolineata) mill-konsiderazzjoni tal-Qorti minħabba li l-oġġett imsemmi – is-sigaretti – ma jiffurmax parti mill-mertu ta' dan il-każ. (Ara l-paragrafu sottolineat aktar il fuq.

Mill-provi jirriżulta li fl-istqarrija tagħha, Priscilla Cassar qalet li hija kienet timporta u tbigħ lill-ħwienet. Hija qalet li

d-detergents kienu għaliha sabiex tbiegħhom iżda x-xorb ma kienx biss tagħha.

L-appellata spjegat li hija kieent ordnat container detergents u miegħu poġġiet xi fliexken tax-xorb għal xi ħbieb tagħha li kienu marru Catania magħha. Hija kienet waslet Malta qabel il-container u meta wasal il-container lil tad-dwana tah l-irċevuta tad-detergents. L-irċevuta l-oħra tax-xorb kienet imwaħħla mat-trailer u hija kienet niżlet għaliha biex taqlagħha u tagħtiha lil tad-dwana. Dan ma riedx iniżżilha mal-'liċenzja' tad-detergents minħabba li, skont l-uffiċjal, hija kienet iddikjarata tard.

Imbagħad il-container wasal fejn l-istore tad-dwana fejn kine hemm is-sur Jerome Azzopardi. L-appellata tatu l-karti ta' kollox u staqsieha jekk kellhiex xi xorb u hija rrispondiet fl-affermattiv. Dan qal li ser jieħu l-ħażin waqt li t-tajjeb jerġa' jagħtihulha. Biss, sal-jum tal-istqarrija, jiġifieri it-12 ta' Mejju, 2007, id-detergents kienu għadhom ma tawhomlhiex. Hija qalet ukoll li x-xorb ma kienx moħbi. Dan ix-xorb kien għall-użu personali. Kien tal-Farenheit li lil tad-Dwana tah ir-riċevuti tad-detergents biss. Meta għaddiet ir-riċevuta tax-xorb hi kienu qalulha li ien tard wisq.

Fl-aħħar domanda hija qalet li kull persuna hija intitolata li tniżżel tliet kaxxi kważi neqsin ftit whisky.

A fol 22, bid-data ta' 12 ta' Frar 2007, tinsab il-letter to prosecute iffirmata mill-Kummissarju tal-VAT, a fol 53, il-letter to prosecute iffirmata minn John Mifsud, kontrollur tad-Dwana u a fol 55 tidher is-seizure note.

A fol 26 et seq tidher is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) nhar id-29 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet: 'Priscilla Cassar, Wayne Cassar, Mandy Spiteri, Markita Attar u Marija Attard vs Kontrollur tad-Dwana.'

Xehed Brian Grima, senior customs officer, li qal li kien segwa trailer minn Laboratory Wharf sal-Hamrun flimkien ma' żewġ uffiċjali oħra. L-imputata (illum appellata) kienet fil-garage u kienet ippreżentat tliet fatturi li kienu juru li

kien hemm whisky, imbid u deterġenti. Il-kontenut kien jikkonforma mal-fatturat u l-verifika tal-container saret fuq il-post.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li ma kien hemm ebda oppożizzjoni da parti tal-imputata biex ittihom il-fatturi. Huwa xehed ukoll li x-xorb alkoħoliku kien viżibbli.

Xehed ukoll Joseph Gatt, spettur tad-Dwana mal-Enforcement Unit. Flimkien ma' tnejn minn sħabu huma kienu segwew trailer minn Laboratory Wharf għal xi garage fil-Hamrun. L-appellata kienet qed tistenniehom il-Hamrun, u malli tlabuha l-fatturi, tathomlhom. Il-container infetaħ il-Hamrun imma nħatt fi New Port Bonded Stores. Il-kontenut tal-container kien jikkorrispondi mal-fatturat. Skont dan ix-xhud ix-xorb ma kienx viżibbli.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma setax jgħid f'liema pożizzjoni kien ix-xorb għaliex kellu kellu jillarga u ma kienx preżenti meta nħatt. Il-Hamrun, l-appellata kienet qaltilhom li xxorb huwa tagħha u ta' tlitt iħbieb personali tagħha u għall-użu personali tagħhom. Ma kienx ċert jekk kinux preżenti dawn il-persuni li semmiet l-appellata iżda kien hemm nies waqt li l-container kien qed jinħatt. L-akkużata kienet qaltlu wkoll li hi u ħbiebha kienu nqabdu Sqallija billi l-katamaran ma kienx ħadem u allura kienu bagħtu dan ix-xogħol permezz tal-container.

Dan ix-xhud esibixxa Dok JG1 (fol 62). Jidher li kemm id-detergents kif ukoll ix-xorb ħareġ fuq isem Priscilla Cassar u fuq il-VAT number tagħha.

Xehed ukoll Mario Galea, uffiċjal tad-Dwana, li kien preżenti meta nħatt il-container' (fol 66). Huw ppreżenta lista tal-oġġetti li kien hemm ġewwa l-container. (fol 68, 69, 70 u 71).

A fol 86 sa 112 tal-proċess hemm sentenza li ġġib id-data tas-16 ta' Mejju 2011, li fiha talba li saret mill-Kontrollur tad-Dwana għal ritrattazzjoni. lDin it-talba kienet miċħuda.

Fit-18 t'Ottubru 2011 xehed Paul Scicluna, spettur fid-dipartiment tal-VAT. Huwa qal li d-dokumneti a fol 62 huma tliet tax invoices maħruġa mis-soċjeta' Gruppo Lippo R Gadenza u t-tlieta li huma huma inidrizzati lil Priscilla Cassar ta' 44 Triq Santa Marija l-Hamrun fuq il-VAT Number 17780329. Fuq dawn il-fatrturi ma tħallsitx IVA fl-Italja. Dan sar minħabba li l-affarijiet inbiegħu business to business u f'dan il-każ il-VAT titħalals fil-pajjiż tar-reċipjent. L-invocies jikkonfermaw li l-oġġetti kellhom skop kummerċjali warajhom. Meta persuna tagħi VAT number tagħha lis-supplier tindika li dawk l-oġġetti mixtrija qed tużhom għal skopijiet kummerċjali. Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qal li jekk persuna ssiefer u ġġib hi l-affarijiet minn pajjiż tal-Ewropa, il-VAT hija dovuta lil dak il-pajjiż partikolari.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-ħlas tal-VAT isir appena jinbigħ l-oġġett.

Għal dik li hija liġi l-artikoli msemmijin f'din iċ-ċitazzjoni huma s-segwenti:

Mill-Kap 37
**60.** Bla ħsara ta' dak li jingħad espressament f'liġijiet oħra-

(*a*) jekk oġġetti suġġetti għal ħlas ta' dazju jiġu żbarkati minn bastiment f'Malta, mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju; jew

(*b*) jekk oġġetti li tagħhom hija ipprojbita l-importazzjoni jiġu importati jew imdaħħlin f'xi parti ta' Malta; jew

(*ċ*) jekk oġġetti jiġu meħuda minn fuq bastiment, moll,bankina jew lok ieħor f'Malta qabel ma jiġu eżaminati mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana jew, jekk oġġetti iddikjarati sabiex jiġu mdaħħla fid-depożt, jinġarru għad-depożt mhux taħt is-sorveljanza jew bl-awtorizzazzjoni ta' dan l-uffiċjal u mhux b'dak il-mod,u minn dawk it-triqat jew naħiet, u f'dak iż-żmien li huwa jordna; jew

(*k*) jekk oġġetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f’xi evażjoni jew tentattiv ta’ evażjoni frawdolenti ta’ xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta’ dwana, dwar l-importazzjoni,ħatt, trasbord, żbark u kunsinna ta’ oġġetti jew b’kull mod ieħor li jmur kontra din l-Ordinanza,

**62.** Kull min, b’kontravvenzjoni ta’ din l-Ordinanza -
(*a*) jimporta jew idaħħal, jew ikollu x’jaqsam f’illi jiġu mportati jew imdaħħlin, f’Malta, oġġetti li tagħhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata, b’kontravvenzjoni ta’ dik il-projbizzjoni jew limitazzjoni, sew jekk dawn l-oġġetti jkunu ġew żbarkati kemm le; jew

(*b*) jiżbarka, jew jgħin jew ikollu b’xi mod ieħor x’jaqsam f’illi jiġu żbarkati oġġetti li tagħhom hija pprojbita limportazzjoni,jew li l-importazzjoni tagħhom hija limitata u mportati b’kontravvenzjoni ta’ dik illimitazzjoni, jew oġġetti suġġetti għal dazju, bla ma dan id-dazju jkun ġie mħallas jew ikkawtelat; jew

(*ċ*) jikkunsinna, iwarrab, jew jirtira minn bastiment, moll, bankina, jew lok ieħor, qabel l-eżami tagħhom mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana, mhux bl-awtorità jew taħt is-sorveljanza ta’ dan l-uffiċjal, oġġetti importati f’Malta, jew oġġetti ddikjarati biex jiġu mdaħħla fid-depożt wara li jiġu żbarkati, b’mod li l-uffiċjal inkarigat ma jkunx jista’ jieħu tagħhom nota kif imiss, jew b’mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depożt kif imiss;
jew

(*f*) xjentement jilqa’ għandu, iżomm, jew jaħbi, jew xjentement iħalli jew jittollera, jew iġiegħel jew ifittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma ħallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr ħlas ta’ dazju, minn maħżen ta’ depożt tal-gvern jew privat jew lok ieħor ta’ kustodja fejn ikunu ġew iddepożitati; jew

(*g*) xjentement jiġi fil-pussess ta’ dawn l-oġġetti; jew

(*h*) xjentement ikollu b’xi mod x’jaqsam fil-ġarr, twarrib, depożt jew ħabi ta’ dawn l-oġġetti jew, filli b’xi mod jiddisponi minn dawn l-oġġetti, bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex jeħles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oġġetti jew li tkun tgħodd għalihom; jew

(*i*) xjentement ikollu b’xi mod x’jaqsam, filli bil-qerq jinħarab jew jiġi ittentat li jinħarab xi dazju tad-dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, il-ħatt, it-trasbord, l-iżbark u l-kunsinna ta’ oġġetti, jew xi disposizzjoni oħra ta’ din l-Ordinanza; jew

(*k*) iħajjar, igħin jew jassisti l-għemil tar-reati hawn fuq imsemmija; jew

jeħel għal kull wieħed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta’ dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta’ dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f’kull kaz mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sentejn; u l-ħati jista’ jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b’ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet
l-oħra kollha ta’ dak il-Kodiċi:
Iżda -

(*a*) meta l-oġġetti li dwarhom ikunu saru proċedimenti kontra l-ħati ikunu xi oġġetti minn dawk murija fl-Ewwel Skeda l-piena ta’ priġunerija hawnhekk preskritta għandha tapplika f’kull każ;

Mill-Kap 382
16(1)
(*j*) ikun b’xi mod xjentement involut f’xi evażjoni jew tentattiv ta’ evażjoni tad-dazju li għandu jinġabar bissaħħa

tal-Att; jew
17. (1) Jekk oġġetti dazjabbli -
(*a*) jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi kontra l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew

Mill-Kap 406
**80.** (1) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 18, 60 u 62 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw għal dan l-Att bħallikieku kull riferenza għal dazji li tinsab f'dawk l-artikoli kienet riferenza għal taxxa dovuta taħt dan l-Att, u kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawk l-artikoli li jiftiehmu kif imsemmi qabel dwar xi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hi suġġetta għal taxxa taħt dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà li jkollha taħt l-Ordinanza msemmija, ta' reat taħt dan l-Att u tista' għal kull reat bħal dak, teħel multa li tkun ekwivalenti għal tliet darbiet it-taxxa li jkollha titħallas jew multa ta' tliet mija u ħamsin euro (€350), skont liema tkun l-akbar, b'dan illi terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili dovut lill-Kummissarju, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dawk il-multi u priġunerija flimkien, u min jagħmel ir-reat jista' jew jinżamm jew jittieħdu proċedimenti kontrih b' taħrika , bl-istess mod u għamla , u skont id -disposizzjonijiet l-oħra kollha stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali..

Materja ċivili u materja kriminali

L-Avukat Ġenerali ssottometta li l-materja ċivili hija distinta mill-azzjoni kriminali. Skont l-artikolu 3(1) tal-Kap 9:

'Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.'

Iżda dan ma jfissirx li l-fatti bażiċi ser ikunu totalment differenti. F'każ ta' inċident stradali, il-provi dwar dak li seħħ u li jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma jistgħux jinbidlu u jsiru radikalment differenti quddiem il-Qorti Ċivili,

Biss bejn il-proċeduri ċivili u dawk kriminali Hemm differenza fil-grad tal-prova. Fil-Qrati Ċivili ż-żewġ partijiet iridu jġibu provi li jissodisfaw il-bilanċ ta' probabilita'. Min-naħa l-oħra f'xi Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, il-Prosekuzzjoni għandha oneru tal-prova akbar – għax trid twassal għall-prova 'l hemm minn kull dubju raġonevoli waqt li għad-difiża huwa biżżejjed li tipprova fuq bażi ta' probabilita'.

Fil-proċeduri ċivili, jirriżulta mis-sentenza esibita fl-atti li l-appellata kkonvinċiet kemm lill-Prim'Awla kif ukoll lill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) li kienet ippruvat it-teżi tagħha fuq bażi ta' probabilita'. Dan huwa l-istess oneru ta' prova li jmiss lid-difiża fil-proċeduri kriminali. Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova t-teżi tagħha fil-Qrati Ċivili. Imbagħad, fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kellha grad ta' prova akbar milli kellha fil-proċeduri ċivili. Il-Prosekuzzjoni ma waqfitx billi appellat mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri iżda, wara li kienet il-parti sokkombenti fkl-istadju tal-appell, ippruvat ukoll li jkun hemm ritrattazzjoni tal-każ iżda dan ma kienx aċċettat mill-Qorti li ppresidiet din it-talba.
Jidher li l-leġislatur beda f;dawn l-aħħar snin iħoss il-bżonn li ma jkunx hemm proċeduri għalxejn. Filfatt insibu dispożizzjonijniet bħal dawk li jidhru fl-artikolu 85(2) u 532A li kienu introdotti fis-sena 2006 sabiex Qorti Kriminali tiffissa somma għad-danni fejn ikun hemm reat bħalma tista' tagħmel taħt il-Kap 446,

F'dan il-każ, il-proċeduri ċivili ntemmu fid-29 ta' Jannar 2010 wara li kienet l-appelalta, flimkien ma' erba' persuni oħra, li ntavolaw rikors sabiex jikkontestaw in-Nota ta' Qbid li kien ħareġ il-Kontrollur tad-Dwana.

Effettivament, l-artikoli li kienu ttrattati quddiem il-Prim'Awla u l-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri kienu dawn li ġejjin:
6(5), 60(c)(k), 62(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k)(m) u paragrafu (a) tal-Kap 37 u l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) tal-Kap 382.

Min-naħa l-oħra fil-proċeduri kriminali kien hemm l-artikoli 60(a)(b)(c09k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Kap 37, l-artikoli 16(1)(j) u 17(a) tal-Kap 382 u l-artikolu 80 tal-Kap 406.

Fil-proċeduri Ċivili kien hemm artikoli li ma dehrux fil-proċeduri kriminali. Dawn kien l-artikolu 6(5) u 62(m) tal-Kap 37.

Min-nħar l-oħra fil-proċeduri kriminali kien hemm miżjudin l-artikoli 60(a)(b) 62(a) tal-Kap 37 u l-artikolu 80 tal-Kap 406.

Il-fatti jsitgħu ikun sintettizzati hekk. Fit-12 ta' Jananr 2007 l-appellati flimkien ma' erba' persuni oħra marret Sqallija bl-ajru biex tixtri d-detegents u timportahom Malta. Il-pjan kien li jiġu Malta lura bil-catamaran iżda is-servizz ta' dan il-mezz ta' trasport kien sospiż bejn it-3 ta' Jannar 2007 u l-34 ta' Jannar 2007 minħabba li kull sena jkunu qegħdin iduruh bħala parti mill-manteniment li għandu jsirlu. (Ara x-xhieda ta' Joseph Gatt a fol 60 u 61)

Barra d-detergents, inxtara wkoll xi xorb li fil-proċeduri kollha r-rikorrenti baqgħu jinsistu li kien għall-użu tagħhom. Għall-bejgħ tad-detergents, l-appellata kellha l-liċenzja. L-invoices mill-Italja ħarġu kollha fuq isem l-appellata. U l-Prosekuzzjoni saħqet ħafna fuq dan il-punt minħabba li l-oġġetti kollha ħarġu fuq invoices li kellhom il-VAT number tal-appellata. Għalhekk l-oġġetti kienu nxtraw għal skop ta' kummerċ. (Ara fol 115, xhieda ta' Paul Scicluna). (Dwar din is-sottomissjoni, ara s-silta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri).

L-appellata nnifisha fl-istqarrija qalet li hi kienet waslet Malta qabel ma wasal il-container u min kellu l-container f'idejh ta l-irċevuta tad-detergents lil tad-Dwana. L-irċevuta l-oħra tax-xorb kienet imwaħħla mat-trailer. L-appellata kienet niżlet għaliha biex taqlagħha u ttiha lil tad-Dwana.

Mix-xhieda li ddeponew quddiem din il-Qorti (ara Brian Grima a fol 58), jirriżulta li meta t-trailer kien għadu magħluq, l-uffiċjali tad-Dwana talbu l-fatturi mingħand l-

appellata li tathomlhom mill-ewwel. Skont dan l-uffiċjal ix-xorb kien viżibbli.

Min-naħa l-oħra Joseph Gatt xehed li x-xorb ma kienx viżibbli (fol 60).

Il-punt kruċjali kollu f'dawn il-fatti huwa jekk kienx hemm evażjoni tas-sisa jew tal-VAT jew, b'mod aktar konkret, jekk ix-xorb kienx dazjabbli. Dan il-każ għandu jiġi riżolt fuq dan il-punt. Il-Qorti ser tirreferi għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Ċivili dwar is-seba' aggravju:

**'Is-seba' aggravju: Xorb għall-użu personali u l-bżonn ta' dikjarazzjoni tiegħu**

Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, il-pern ta' din l-azzjoni hi marbuta mal-prova *o meno* dwar jekk tali xorb kienx intenzjonat għall-użu personali tar-rikorrenti appellati. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza **Ellul Sullivan noe v.Kontrollur tad-Dwana**, deciza fis-7 ta' Ottubru 2005 *"meta fil-proċeduri fejn jiġi mitlub ir-rilaxx ta' merkanzija maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għall-lraguni ohra li ġġib magħha l-konfiska, tqum il-kwistjoni jekk dawn l-oġġetti ġewx importati skont il-liġi, il-prova tmiss lill-persuna li tagħmel it-talba."*

L-intimat jaqbel li l-leġislatur ta' eżenzjoni għal dak ix-xorb alkoħoliku "fi kwantitajiet żgħar" li jingarr mill-persuna u li jkun car li jkunu ghall-uzu tal-persuna. L-ewwel Qorti dahlet fid-dettal f'din il-kwistjoni, u wara li qieset ix-xhieda tar-rikorrenti, qalet li l-kwantita` ta' xorb importat ma jindikax li, fic-ċirkostanzi, dan ma kienx intenzjonat għall-użu personali taghhom. Din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni mhux facilment tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, meta tara li l-konklużjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti hi wahda valida u li setghet tasal ghaliha. Din il-Qorti eżaminat il-provi prodotti u rat li x-xhieda tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod ikkontestata jew kontrodetta mill-intimat, u da parti tiegħu ma weriex illi l-kwantita` ta' xorb importat mill-ħames rikorrenti kienet teċċedi l-limitu tax-xorb li jista' jiġi importat għall-użu

personali. Jirriżulta mill-provi illi filwaqt li d-*detergents* kienu destinati għan-negozju li kien gestit mir-rikorrent Priscilla Cassar – ghal-liema importazzjoni kellha licenzja valida – ix-xorb kollu kien intiz li jinqasam bejn il-ħames rikorrenti għall-użu tagħhom u tal-familja tagħhom. Da parti tal-intimat, ma kkontestax li l-ammont ta' xorb indikat seta' jitniżżel għall-użu personali, iżda argumenta li la darba x-xorb tpoġġa f'*container* u ma kienx *accompanied* minn ħadd fuq il-vapur, *ergo*, l-istess merkanzija ma tistax titqies li kienet *for personal use*.

Ir-rikorrenti appellati spjegaw illi l-ħsieb tagħhom kien li jiġu minn Sqallija minn fejn xtraw ix-xorb bil-catamaran u jġorru magħhom l-istess merkanzija. Ġara, pero`, li f'dawk il-ġranet ma setgħux jibagħtu l-merkanzija bil-catamaran u ghalhekk baghtu l-merkanzija bil-vapur u huma gew Malta bl-ajru. Fil-fehma tal-Qorti, kif sehhew l-affarijiet ma jistax jingħad li x-xorb ma kienx qed jiġi *accompanied* mir-rikorrenti jew li l-merkanzija ma kinitx qed tingarr mill-persuna. Il-provvedimenti tal-ligi jridu jiġu interpretati b'mod loġiku u mhux mehtieg, biex tapplika l-eżenzjoni, li dak li jkun igorr fiżikament hu kull ma jdaħħal f'pajjiżna għall-użu personali tiegħu. L-importanti hu li dik il-persuna tmur barra u tixtri hi l-oggetti fi kwantitajiet żgħar biex wara iġġibhom magħha Malta. Kif iggibhom maghha Malta mhux importanti, u biex jitqies li l-merkanzija giet *“transported by them”* l-importanti hu li t-tluq ghall-Malta tal-persuna u tal-oggetti tkun wahda li ssir fl-istess żmien. żgur mhux meħtieg, kif jippretendi lintimat, li l-merkanzija trid fizikament “tingarr mill-persuna” għax din tkun qed tagħti tifsira wisq stretta lil tali rekwiżit. Ma ġiex muri li r-rikorrenti għandhom xi ħanut tax-xorb jew imexxu xi *restaurant*; fi kliem ieħor ma ġiex muri li rrikorrenti dahlu x-xorb għall-użu kummerċjali, u mill-provi anzi jirrizulta li x-xorb idahhal Malta *“for the personal use* tar-rikorrenti. Din il-Qorti, ovvjament mhux ser tikkunsidra indikazzjonijiet ta' x'jitqies uzu personali f'Avviz Legali li beda japplika wara li sehh l-incident in kwistjoni u fil-mori tal-kawża, u li ġie introdott bi ħsieb li l-pożizzjoni ta' Malta tigi *“aligned”* ma' dik tal-Unjoni Ewropeja; biss tghid li, f'din il-kawza l-pożizzjoni prinċipali tal-intimat appellant kienet li la darba

ix-xorb intbagħat fit-*trailer*, sar parti minn konsenja kummerċjali u kellu jiġi dikjarat. Hu jaċċetta li l-kwantita` ta' xorb seta' tpoġġa f'karozza li setgħet tinstaq għall-Malta fuq il-catamaran u bla problemi, pero`, jgħid li d-dazju kellu jitħallas għax, bħala fatt, ix-xorb ma ddaħħalx f'Malta bhala *"accompanied cargo"*. Din il-Qorti, pero`,taqbel mal-ewwel Qorti li, fiċ-ċirkostanzi mhux każ li d-dhul tax-xorb f'Malta għandu jitqies dazjabbli.
Ghal kull buon fini, jista' jinghad li anke jekk jitqies applikabbli l-Avviz Legali l-ġdid, dak bin-numru 361/07, li ta effett lid-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 92/12, il-pożizzjoni m'hijiex daqshekk differenti peress li l-ligi l-ġdida ma tinsistix li l-oggetti ghandhom ikunu *"personally""transported by them."* Kif osservat il-Qorti Ewropeja ta' Gustizza fil-kawza **Staatssecretaris van Financien v.**
**B.F. Joustra**, deċiża fit-23 ta' Novembru 2006, fil-kaz tal-frażi *"transported by them"*, uzata fid-Direttiva, *"both the mode of transport and the quantities transported are relevant factors for establishing that the products referred to in Article 8 of the Directive are held for commercial purposes and therefore not for personal purposes."*
Hu veru li, kif osservat dik il-Qorti;
*"......the very fact that products subject to excise duty are transported to another Member State by a transport company, which facilitates the transport of quantities ofproducts significantly exceeding those required for hisown use by the individual who has acquired them, is sufficient to show that they are not held for strictlypersonal purposes as required by Article 8 of the Directive,"*
pero`, dan meta ċ-ċirkostanzi jindikaw biċ-ċar li l-użu tal-oġġetti mhux intiż għall-użu personali, u cioe`, meta l-kwantita` tal-oggetti importati *"significantly"* jeċċedi dak meħtieġ għall-użu personali. Huma tnejn iċ-ċirkostanzi li jridu jiġu kkunsidrati: il-mod ta' trasport u l-kwantita` tal-oġġetti, u fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt wahdu li l-merkanzija ma ddahlitx f'Malta bhala *accompanied cargo* ma jfissirx li l-importatur irid bilfors iħallas dazju fuq dik il-merkanzija.
F'dak il-każ, gie deċiż li kellu jithallas dazju ghax il-prodotti importati kienu fi kwantita` mhux żgħira u kienu intizi *"for his own personal requirements and those of other private*

*individuals"*, meta d-Direttiva tagħti eżenzjoni biss ghall-kaz ta' oggetti intizi *"for their own use".*

Din is-silta hija fil-fehma ta' din il-Qorti raġuni biżżejjed għala ma kienx dovut id-dazju. Il-Prosekuzzjoni straħet wisq fuq il-fatt li l-invoice ħareġ fuq il-VAT number tal-appellata. Iżda wkoll dwar dan il-punt partikolari daħlet ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (a fol 9 tas-sentenza u a fol 34 tal-proċess. Fi ftit kliem il-Qorti spjegat li bilfors kellu jsir dan għaliex il-bejgħ seta' jsir biss lill-persuni reġistrati u l-unika persuna reġistrata kienet ir-rikorrenti. Ġaladarba ġie riżolt dan il-punt, allura l-Qorti tista' tieqaf hawn.

L-Avukat Ġenerali ppuntwalizza li l-appellata kellha liċenzja valida ta' importazzjoni għad-detergents biss. Bir-rispett kollu, ir-raġunament tal-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri dwar id-dazzjabilita' o meno tax-xorb huwa ċar biżżejjed u juri għala liċenzja għax-xorb ma kinitx meħtieġa f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Isegwi għalhekk li ma kellux japplika l-artikolu 61A tal-Kap 37 u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta skartat dan l-artikolu għax l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet xtarret sew il-portata tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li kien hemm skop kummerċjali. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri dwar dan il-punt jindika li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova dan l-iskop.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li x-xorb kien moħbi. Bir-rispett kollu, il-Qorti nnutat li kien hemm konflitt fil-provi tal-Prosekuzzjoni stess dwar dan il-punt kif jidher mis-sommarju tax-xhieda katar 'il fuq. Barra minn dan l-Artikolu 60 tal-Kap 37:

'Kieku dan il-prodott kien importat flimkien ma' merkanzija li kienet dazjabbli, iżda li fuqha ma tħallasx jew sar attentat li ma jitħallasx id-dazju. Darba pero', kif intwera, li x-xorb ma kienx dazjabbli u kwindi mhux konfiskabbli,

lanqas id-detergents li kienu ppakkjat max-xorb m'għandhom jiġu konfiskati.'[1]

Fl-aħħarnett, il-Qorti tinnota li ssemmew ħafna artikoli tal-Liġi li qed jidhru awtomatikament f'kull wahda minn dawn iċ-ċitazzjonijiet. Apparti li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li ħafna minn dawn l-artikoli huma rrelevant, apprti wkoll li l-Qorti mhux bilfors marbuta mal-artikoli li jidhru fiċ-ċitazzjoni, din il-Qorti qed tikkonkludi li l-fatti ta' dan il-każ ma jwasslu għall-ebda reat indikat mill-artikoli kif ukoll mill-imputazzjonijiet. U fil-Qorti tal-Maġistrati(Malta) jew (Għawdex) huma l-imputazzjonijiet li jgħoddu u li Qorti għandha tqis.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Priscilla Cassar' nhar il-31 ta' Mejju 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri tad-29 ta' Jannar 2010 'priscilla Cassar et vs Kontgrollujr tad-Dwana' fol 25